MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 661/2000/1

**Maltacom p.l.c.**
**vs**
**Octagon Real Estate and Development Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta’ hames mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u erbgha centezmi (Lm575.04,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 486908 skond kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond numru 206, Triq Santu Rokku, Birkirkara u dana skond ma kif jidher mill-anness ‘service agreement’ Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Novembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa gie ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 u fol 3 tal-atti, u wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fis-17 ta' Settembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u erbgha centezmi (Lm575.04,0) bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Novembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------